


# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tlieta u Tletin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-LUMINATI F'GĦAWDEX (1)*

Illum f'Għawdex għandna ħafna xarbiet ħfief, jew xarbiet minerali, bl-Ingliż *soft drinks*, imma ġeneralment dawn jiġu minn Malta fejn jinħadmu minn fabbriki kbar li qegħdin għal hekk. Imma fis-seklu 20 l-affarijiet ma kinux hekk għax fi gżiritna kellna wkoll diversi manifatturi żgħar li kienu jagħmlu l-luminati u xarbiet oħra ħfief. Illum ix-xarbiet minerali jġibu ismijiet internazzjonali, imma dawk li kienu jinħadmu Għawdex, ġeneralment luminati, kellhom kollha l-ismijiet partikulari tagħhom. L-isem ġenerali kien *aerated water*, ilma bil-gass.

Nibdew mela din il-kitba tagħna billi qabel xejn ngħidu l-istorja ta' dawn ix-xarbiet ħfief, ħafna drabi msejħin xarbiet ta' ilma minerali.

***L-ilma minerali***

Ilma mill-għejun, imġieri u nixxijat naturali li kien jimtela fi fliexken jissejjaħ ilma minerali għax dejjem ikun fih taħlita ta' minerali li jiġu mill-blat li minnu jnixxi jew igelgel. Pereżempju, Franza hemm in-nixxijat famużi ta' Vichy b'ilma li fih is-*sodium bicarbonate* b'mod naturali. Mela l-ilma minerali jista' jkun effervexxenti (ifexfex), ħaġa li ttih palat aħjar u tagħmlu mfittex iżjed, imqar għall-mard. F'Għawdex l-ilma ta' Mġarr ix-Xini, qabel ma tniġġes, kien fost l-aqwa u l-aħjar. Għejun ta' ilma tajjeb jinsabu wkoll ix-Xagħra u n-Nadur.

Għalhekk, l-ilma minerali artifiċjali beda jinħadem minn kumpaniji privati billi l-ilma, minbarra l-essenzi, iżidulu l-gass *carbon dioxide* li meta joħroġ mill-ilma fejn ikun ippressat jitwessa' u jfexfex u jagħti togħma pjaċevoli lill-ilma. Hawn ta' min igħid li l-ilma jesa' seba' darbiet il-volum tiegħu f'gass ippressat ġo fih (minn hekk l-isem **7up**, jiġifieri luminata bil-massimu ta' gass fiha!).

Il-produzzjoni ta' l-ilma bil-gass għaddiet minn diversi stadji bl-iżvilupp tas-*sodium carbonate* li minnu jsir il-*carbon dioxide*, is-*Seltzer* li jintuża għal stonku qares jew aċiduż, u għalhekk niltaqgħu ma' termini bħal *soda water*, *carbonated water*, *Seltzer*, ilma bil-gass, *acqua gassata* bit-Taljan u *aerated water*, li bejn wieħed u ieħor kollha jfissru l-istess.

Ngħaddu issa biex insemmu liema luminati kienu jinħadmu f'Għawdex fis-seklu 20.

Dawn kienu:

1. Il-luminata ta' Mikiel Vella tal-Qanfuda miż-Żebbuġ li fuq il-flixkun kellha t-tikketta bl-**istampa tal-poni** u bil-kelmiet **MICHELE VELLA GOZO**. Il-fliexken li fihom kien jibbottilja l-luminata kienu jissejħu fliexkien tas-sifun. Dak iż-żmien Michèle Vella kellu f'idejh il-ħanut ta' fejn Savina, illum Coney Island Bar u l-ħanut tat-Taraġ tal-Belt, illum Castle Bar.

Fit-23 ta' April, 1904, Mikiel Vella biegħ l-apparat kollu lil Pawlu Pisani magħruf bħal "Taċ-Ċimċem" bid-drittijiet kollha ħalli dan jibda jipproduċi l-luminata minfloku. Pawlu Pisani dam tletin (30) sena jaħdem il-luminata u l-aħħar li deher ismu fil-*Guida Generali* kien fil-ħarġa tas-snin 1933-34. L-indirizzi kienu dawn: 6 Strada Corsa, Vittoria u 7 Corso F. Mizzi, Victoria, Gozo. Dan il-maħżen kbir kien jinsab fir-rokna fejn il-barrakka quddiem il-palazz ta' l-Isqof.



Jingħad li ftit qabel ma spiċċa, in-negozju kien ġie f'idejn bniedem li ma kienx jaf skola u tefa' x-xogħol lura. Biżżejjed ngħidu li dan flok ma kien jikteb x'joħroġ u jidħol fuq il-kotba,

kien ipinġi u jħażżeż fuq il-bieba tal-post, imbagħad jitfxkel u jinsa u hekk ix-xogħol baqa' sejjer lura sakemm kellu jżarma.

2. Fis-sena 1931-32, il-*Guida Generale di Malta e Gozo* rrappurtat li kien hemm tnejn oħra li bdew jagħmlu l-luminata f'Għawdex. L-ewwel wieħed kien Michel Angelo Caruana, magħruf bħala "Tal-Lewżu", ta' 21 Passaggio 1mo, Via Casal Nadur, Mgarr Gozo, u kien jimla l-luminata fi fliexken taċ-ċeramika li kienu jġibu fuqhom l-istampa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel bil-kliem **M.A. Caruana Migiarro Gozo, St. George Machinery. Trade Mark**. Jidher li dawn il-fliexken kienu jingħalqu b'tapp bil-kamin. Il-magni kienu jinsabu ġo kantina fi Triq Sant' Antnin, ma' ġenb fejn kienet il-Grand Hotel il-qadima. Mit-triq kienu jidhru biss żewġ jew tliet twieqi miżbugħa ħodor, fil-livell tat-triq. Ta' min isemmi hawnhekk li ħaddiem li kien jaħdem ma' Caruana, jismu Toni, magħruf bħala "tar-Reqna", kien tilef għajn waħda meta sploda flixkun waqt li kien qed jimla l-luminata. Dan il-każ juri li f'dan ix-xogħol kien hemm ukoll ċertu periklu.




Meta għalaq Caruana biegħ kollox lil Ġużepp Grech (tas-Sipa) minn Għajnsielem, u dan kien ipprova jibda dan ix-xogħol tal-luminata f'xi wieħed mill-imħażen tiegħu imma għal xi raġuni qatt ma rnexxielu jibda.

3. L-ieħor kien Giuseppe Refalo, "Ta' Bronka, ta' 42 Strada Vajringa, Victoria, Gozo. Id-ditta kien jisimha **The Fountain Mineral Water, J. Refalo** u fuq il-flixkun kien iġib l-istampa ta' funtana tarmi l-ilma.



4. Il-luminata ta' Michele Mizzi tal-Ġinġer, laqmu miegħu! Fuq il-flixkun naraw is-salib tal-Kavalieri ta' Malta u d-ditta kienet magħrufa bħala **Maltese Cross, Michele Mizzi Victoria, Gozo**. Dan kien jaħdem il-Vajrinġa u l-post tiegħu kien fil-kantuniera tax-xellug tas-sqaq. Fi żmienu, meta kienu jkunu ġejjin il-festi, kienu jiġu xerrejja mill-irħula bil-karrettuni biex jixtru l-luminata u l-ġinġer u kienu joqogħdu wara xulxin matul Triq il-Vajrinġa.



5. Tad-Deredin jew Deredej, Franġisk Schembri. Fis-snin 20 dan kien importatur tal-luminata minn Malta. Ċikku u ċertu Carmelo Buttigieg f'dawk iż-żminijiet għamlu xi żmien imqabbdin ma' xulxin jieħdu l-fliexken u l-kaxxi ta' xulxin. Minn dan it-tilwim sirna nafu li Ċikku kien iġib il-lumnata tad-Ditta Empire ta' Messrs Pace and Brother u li kellu l-maħżen tiegħu fi Strada Marina, ix-Xatt, mentri Buttigieg kellu l-imħażen tiegħu f'Nri 3 u 4 Strada Kapuċċini, ir-Rabat, fejn is-Salib.



Wara li żarma Pawlu Pisani, il-maħżen u l-għodod li kien juża Pawlu fi Triq it-Tiġrija għaddew għand id-Deredej u dan beda hu wkoll jaħdem il-luminata. Biż-żmien ingħaqad ma' Said tat-Taljan u d-ditta kienet magħrufa bħala **Three Hills, Schembri & Said, Victoria, Gozo**. Fuq il-flixkun kien ikun hemm l-arma ta' Għawdex, it-Tliet Għoljiet.



Id-ditta ta' Schembri u Said ġiet reġistrata ma' l-Uffiċċju tal-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali skond l-Artiklu 79 tal-Liġi għall-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (l-Ordinanza Nru. XI tal-1899), bħala Trade Mark Nru. 3068, fuq l-isem u l-indirizz Messrs Schembri & Said ta' 7 Corso Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, liema reġistrazzjoni ġiet ippubblikata fil-*Gazzetta tal-Gvern ta' Malta* tas-16 ta' Ottubru, 1936, p. 975. Il-Kontrollur dak iż-żmien kien R. Castillo.

*(jissokta)*

